**Dispożittiv**

1) *Billi ma ħaditx il-miżuri meħtieġa:*

— *sabiex jingħalqu, l-iktar tard fis-16 ta' Lulju 2009, konformement mal-Artikolu 7(g) u mal-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma, il-landfills ta' Dragonja, Dvori, Rakek-Pretržje, Bukovžlak-Cinkarna, Suhadole, Lokovica, Mislinjska Dobrava, Izola, Mozelj, Dolga Poljana, Dolga vas, Jelšane, Volče, Stara gora, Stara vas, Dogoše, Mala gora, Tuncovec-Steklarna, Tuncovec-OKP u Bočna-Podhom, li ma kisbux, konformement mal-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, l-awtorizzazzjoni sabiex ikomplu jiffunzjonaw, u*

— *sabiex, l-iktar tard fis-16 ta' Lulju 2009, il-landfill ta' Ostri vrh titqiegħed f'konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva 1999/31, bl-eċċezzjoni ta' dawk stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness I tagħha,*

*ir-Repubblika tas-Slovenja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont, rispettivament, l-Artikolu 14(b) u l-Artikolu 14(c) tad-Direttiva 1999/31.*

2) *Ir-Repubblika tas-Slovenja hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 357, 23.10.2017.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tad-29 ta' Novembru 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesfinanzhof – il-Ġermanja) – Finanzamt Goslar vs baumgarten sports & more GmbH**

**(Kawża C-548/17)** ([1])

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni — Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) — Tassazzjoni tal-aġenziji ta' plejers tal-futbol professjonali — Pagament skedat u suġġett għal kundizzjoni — Fatt taxxabbli, eżiġibbiltà u rkupru tat-taxxa)***

(2019/C 35/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesfinanzhof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Finanzamt Goslar

*Konvenuta:* baumgarten sports & more GmbH

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 63 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, moqri flimkien mal-Artikolu 64(1) ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-fatt taxxabbli u l-eżiġibbiltà tat-taxxa marbuta ma' provvista ta' servizzi ta' tqegħid ta' plejers tal-futbol professjonali minn aġent, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li hija s-suġġett ta' pagamenti skedati u kundizzjonati fuq diversi snin wara t-tqegħid, jitqiesu li jseħħu fid-data ta' dan tal-aħħar.*

---

([1]) ĠU C 437, 18.12.2017.